# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Gimgha 2 ta' Gunju 2017**

**Kawza Numru: 1**

**Citazzjoni Numru: 2224/1998/1 JPG**

**Simon Grech**
**VS**
**Dominic Humphreys**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att tac-Citazzjoni mressqa fid-29 t'Ottubru 1998 li taqra hekk:

*"Peress illi l-konvenut ghandu 'chiropractic clinic'.*

*Peress illi l-attur attenda f'din il-'chiropractic clinic' biex jiehu t-trattament necessarju wara 'neck injury' li huwa sofra waqt loghba squash fi Frar 1994.*

*Peress illi l-konvenut, minghajr ezami ta' X-rays ghamel manipulazzjoni vigoruza ta' ghonq u dirghajn l-attur.*

*Peress illi minkejja li l-attur kien konstantement jghidulu li, minn kemm kien ilu li beda t-trattament, huwa beda jsofri minn ugiegh tremend kemm waqt il-manipulazzjoni kif ukoll wara li jitlaq mill-klinika.*

*Peress illi l-konvenut insista li dawn is-sessjonijiet kienu mehtiega u kellhom jibqghu jsiru ghal aktar minn darba kuljum.*

*Peress illi minhabba dan l-hekk imsejjah trattament il-kondizzjoni ta' sahhet l-attur iddeterjorat hafna fi zmien qasir u kien kostrett li jirrikorri ghall-assistenza professjonali tan-newrologu Dr. Anthony Galea Debono u aktar tard kellu jigi operat darbtejn Londra.*

*Peress illi l-attur s'issa kellu jmur hames darbiet Londra minhabba dan, u kellu jghaddi minn trawma psikologiku enormi meta kellu jghati l-kunsens tieghu biex isirlu intervent li f'eta' zghazugha seta' jirrizulta f' tetraparalysis, liema intervent anke l-ispecjalisti stess bdew jaghmluh (Dok. A).*

*Peress illi kemm in-newrologu lokali kif ukoll in-neurosurgeon f'Londra qablu li n-'neck injury' giet ittrattata hazin hafna u li l-manipulazzjoni vigoruza ta' l-ghonq kienet l-aktar haga dannuza li setghet issir (Dok. B) u setghet twassal ghal paralizi.*

*Peress illi l-MRI scan juri car din il-kondizzjoni li ma setghetx saret hlief bil-manipulazzjoni vigoruza, u b'rizultat ta' dan zewg 'cervical discs' bdew jippressaw fuq l-ispinal cord' ta' l-attur.*

*Peress illi lill-attur kellhom isirulu, zewg operazzjonijiet serji li fihom saret ''fusion' ta' C5-C6, C6-C7 u gie introdott 'titanium plate'.*

*Peress illi l-attur sofra dizabilita' permanenti minhabba l-agir tal-konvenut u dan minhabba nuqqas ta' hila fil-professjoni jew sengha tieghu.*

*Peress illi l-attur sofra danni konsegwenzjali, liema danni l-konvenut gie interpellat bie ihallas izda baqa' inadempjenti (Dokumenti C u D).*

*Jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur, u dan minhabba nuqqas ta' hila fil-professjoni jew sengha tieghu;*

2. *Tillikwida d-danni kollha konsegwenzjali;*

3. *Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati.*

   *Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l–ittra privata tal-19 ta' Gunju 1998 u tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Settembru 1998, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-attur tad-29 t'Ottubru 1998 (a fol. 3 et seq.);

Rat illi l-atti tac-citazzjoni u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-konvenut skond il-ligi bil-procedura tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fil-21 ta'Marzu 2000;

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenut tal-10 t'April 2000 (a fol.23 et seq) li taqra hekk:

1. *"Illi Preliminarjament illi il-konvenut li huwa persuna ingliza qatt ma gie notifikat bic-citazzjoni fil-lingwa ingliza, fil-fatt qatt ma gie notifikat b'ebda att gudizzjarju, sia pure li martu tghhix hawn Malta, meta huwa qieghed jghix barra minn Malta, anke meta giet pubblikata il-harga tal-gazzetta tal-gvern fejn deher l-estratt u ghalhekk l-esponenti tirriserva kull dritt lilha spettanti skond il-ligi;*

2. *Illi bla pregudizzju ghall-premess id-dikjaranti teccepixxi illi l-konvenut qatt ma naqas fil-hila tal-professjoni tieghu u ghalhekk mhux responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-attur u kwindi it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez;*

3. *Salvi eccezzjonijiet ohra."*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-konvenut tal-10 t'April 2000 (a fol. 24);

Rat id-digriet tal-20 ta' Gunju 2000 fejn il-Qorti kif diversament preseduta innominat lill-Assistent Gudizzarju Dr. Josette Demicoli;

Rat id-digriet tal-31 ta' Jannar 2012 fejn il-Qorti kif diversament preseduta fejn irrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzarju Dr. Josette Demicoli;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tal-14 ta' Novembru 2006 (a fol. 141) fejn il-Qorti kif diversament preseduta fejn innominat bhala espert mediku lil Dr. Joanna Van der Latt;

Rat id-digriet tal-15 ta'Frar 2007 (a fol. 152) fejn il-Qorti kif diversament preseduta fejn innominat lil Dr. Ian Spiteri Bailey bhala perit legali biex jassisti lill-espert mediku (a fol. 152);

Rat id-digriet tal-15 ta' Mejju 2007 fejn il-Qorti kif diversament preseduta fejn irrevokat l-inkarigu ta' Dr. Joanna Van der Latt u innominat bhala Perit Mediku lil Mr. Lawrence Zrinzo (a fol. 161);

Rat id-digriet tal-20 ta' Novembru 2007 fejn il-Qorti kif diversament preseduta fejn irrevokat l-inkarigu tal-Perit Mediku lil Mr. Lawrence Zrinzo (a fol. 164);

Rat id-digriet tas-7 ta' Mejju 2008 fejn il-Qorti kif diversament preseduta fejn innominat lil Dr. Antoine Zrinzo bhala espert mediku (a fol. 175);

Rat id-digriet tal-15 ta' Dicembru 2008 (a fol. 202) fejn il-Qorti kif diversament preseduta fejn innominat lil Dr. Josianne Aquilina (a fol. 202);

Rat in-nota ta'sotttomissjonijiet tal-attur Simon Grech ghall-konsiderazzjoni tal-periti gudizzjarji tal-11 t'Awwissu 2009 (a fol. 216 et seq.);

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet tal-konvenut tat-30 ta' Settembru 2009 (a fol. 232 et seq.);

Rat il-verbal tat-28 t'Ottubru 2010 fejn il-Qorti kif diversament preseduta halliet il-kawza odjerna sine die (a fol. 275);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-11 ta' Novembru 2011 fejn irriappuntat din il-kawza ghas-smiegh (a fol. 285);

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Ian Spiteri Bailey pprezentata fit-3 ta' Marzu 2010, u mahlufa fil-11 t'Ottubru 2012 (a fol. 328 et seq.);

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Mediku Dr. Josianne Aquilina pprezentata fit-3 ta' Marzu 2010, u mahlufa fl-1 ta' Novembru 2012 (a fol. 341 et seq.);

Rat id-decizjoni taghha tat-13 ta' Marzu 2014 (a fol. 469 et seq.);

Rat id-decizjoni taghha tat-3 ta' Novembru 2015 (a fol. 524 et seq.);

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Novembru 2015;

Rat il-verbal tal-11 ta' Marzu 2016 fejn inghata provvediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut (Josette Humpherys 110758M), datata 3 ta' Awissu 2017, (a fol 550);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur Simon Grech (ID: 139767M), datata 17 ta' Ottubru 2016, (a fol 551 et seq);

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 20 ta' Ottubru 2016, (vide fol 602),

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Josette Humphreys (ID 110758M), datata 29 ta' Dicembru 2016, (vide fol 605 et seq);

Rat ir-Risposta ta' l-attur Simon Grech (ID 139767M) datat 6 ta' Marzu 2017, ghar-rikors tal-konvenut tal-20 ta' Ottubru 2016, (vide fol 617 et seq);

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

Illi fl-affidavit tieghu pprezentat fit-2 ta' Mejju 2001, l-attur jixhed kif il-konvenut, minghajr ma ezamina ebda X-Ray qabad u ghamillu manipulazzjoni vigoruza ta' ghonqu u dirghajh. Jixhed li minkejja li kien qed jghidlu konsistentement li qieghed iwegga', u li l-ugiegh u l-hruq kien dejjem jizdied, l-konvenut kien jghidlu li kellu jissaporti l-ugigh il-ghaliex *"**No gain without pain**"*[1]. Meta ra li l-ugigh baqa' persistenti, l-attur mar ghand in-newrologu Dr Anthony Galea Debono, li rrilaxxjalu certifikat (Dok B mac-citazzjoni) li fiha hemm indikat li l-manipulazzjoni kienet kontro-indikata f'kazijiet ta' *whiplash injury*.

L-attur jghid li Dr Galea Debono rriferih ghand neurosurgeon iehor gewwa Londra Mr Afshar, li ddeskriva l-istat ta' l-ispina tieghu bhala "***a big mess***" u qallu li lanqas kieku waqa' minn gholi konsiderevoli ma kien ikollu sitwazzjoni ta' frakass tad-*discs* bhal dak li sab. L-attur jixhed ukoll kif wara zewg operazzjonijiet serjissimi li zammewh xahar gewwa Londra, huwa kellu bzonn kors intensiv ta' fizioterapija fl-Isptar San Luqa kif ukoll fil-privat mal-fizjoterpista Ian Zammit[2]. Jghid li Mr Afshar kien qallu sabiex joqghod attent hafna fl-ewwel sentejn minhabba l-*plate* tal-metall, li kienu poggewlu kif ukoll, minhabba l-ghadam estraneji, u ghalhekk l-attur kien jibza' hafna ma' kull caqliqa. Mr Afshar kien avzah ukoll illi hajtu ma setghetx tkun hielsa minn ugiegh u li l-ugiegh kien inevitabbli minhabba t-*traumas* li kien ghadda minnhom u minhabba l-fatt li n-nervituri kienu ilhom maghfusin bil-*herniated discs* u b'hekk kienet saritilhom certa hsara. Kellu jevita kull forma ta' sport hlief ghall-ghawn u kellu jirrinunzja ghall-hobbies tieghu bhal ma huma *water skiing* u uzu ta' *speed boats*. Jghid ukoll li ma jista' jaghmel ebda forma ta' tqandil u jista jsuq karozzi li ghandhom *power steering* biss.

Illi fl-affidavits taghhom ipprezentati fil-31 ta' Lulju 2002, **omm[3] u missier[4] l-attur** jixhdu li meta Simon mar ghand il-konvenut huwa hareg mugugh hafna u ma kienx

---

[1] Vide affidavit ta' Simon Grech a fol 41 para. 2 tal-process.
[2] Vide fol 343 para. 1 tar-rapport tal-espert mediku l-Konsulent J.Aquilina
[3] Mary Grech affidavit vide fol 55

hemm paragun bejn l-ugigh li kellu qabel ma dahal ghall-vizta u l-ugigh li spicca bih wara. Jixhdu wkoll li binhom Simon Grech, ghadu jkollu certi granet meta ma jkunx sew u ghandu restrizzjonijiet konsiderevori f'dak li jista' jaghmel jew ma jaghmilx. Jikkonfermaw wkoll dak li qal l-attur u cioe' illi huwa jista' jsuq biss karozzi li ghandhom il-*power steering*.

llli fl-affidavit taghha ipprezentat fil-31 ta' Lulju 2002, **Charlotte Dimech**[5], illum il-partner tal-attur, tixhed kif il-hajja ta' l-attur ma tistax tisejjah '*a normal life*' u li l-attur ibati minn restrizzjonijiet konsiderevoli inkluz li ma jistax iqandel, ma jistax jipprattika *watersports, football, squash, tennis* u ma jistax iqatta' wisq hin fuq il-*computer*. Tghid ukoll li t-*titanium plate* li ghamlulu xi kultant ittih fastidju meta jibla'. Jaghmel ukoll bosta ezercizzju li gew indikati lilu minn Mr Afshar. Tixhed ukoll kif hija kienet prezenti meta Mr Afshar b'cajta qal lill-attur:

> ***"I hope you won't be visiting a chiropractor again for the rest of your life...especially the likes of the one who made your neck look like a 90 year old who fell ten stories!"***

Illi fix-xhieda tieghu tas-6 ta' Gunju 2003, il-**Profs Anthony Galea Debono**[6] kkonferma dak li kien ccertifika f'Dok B pprezentat mac-citazzjoni, ossia illi l-manipulazzjoni tal-ghonq hija kontro-indikata u zgur illi ma kienx hu li baghat lill-attur ghand il-konvenut.

Illi l-**konvenut**, in kontro-ezami waqt l-udjenza tal-21 ta' Jannar 2001 jghid illi huwa ghandu dottorat fil-*chiropratice* u kkwalifika mill-Anglo-European College madwar ghoxrin sena ilu. Huwa jixhed illi kien avza lill-attur dwar il-fatt li ma setghax jiggarantixxi success. Jghid ukoll illi l-attur qallu li kienu ghamlulu X-rays l-isptar izda li dawn ma kienu wrew xejn u hu ma nsistiex li jara l-Xray peress illi l-Xray ma kienx ser juri l-patologija stante li problemi fid-discs ma jidhrux fl-X-ray. Huwa jghid illi beda b'*gentle traction* and *mobilisation* li l-istudji wrew illi seta' jwassal ghal rizultati minghajr konsegwenzi. Jikkonferma wkoll illi t-*traction* hija forma ta'

[4] Alexander Grech affidavit vide fol 51
[5] Vide affidavit a fol 59
[6] Vide testimonjanza a fol 67 et seq

*manipulation*, pero' jichad illi uza l-espressjoni "*no pain, no gain*." Jixhed li uza *orthopaedic* and *neurological testing* sabiex jittestja l-ammont ta' wgiegh u hsara fil-pazjent. Il-konvenut jichad illi l-hsara li grat lill-attur giet mill-manipulazloni tieghu jew li l-*plate* li tpoggietlu saret minhabba l-agir tieghu.

Illi l-**attur** waqt l-udjenza tat-22 ta' Frar 2005 xehed illi l-konvenut qatt ma staqsieh ghal xi X-rays. Jghid li ezatt wara l-ewwel manipulazzjonijiet huwa kien qal lill-konvenut li qieghed ihoss idejh ***on fire*** izda qallu "***listen in life no pain no gain***" u **qalha xi hames darbiet**. Jghid li kemm it-Tabib Galea Debono kif ukoll Afshar qalulu li l-aghar haga li seta' jaghmel kien *manipulation.* Jghid li kif kien irritorna mill-Ingilterra, l-konvenut kien ghalaq il-clinic u harab minn Malta.

Illi **l-konvenut** fl-affidavit tieghu jikkwota numru ta' studji fuq il-metodi tieghu u jikkonkludi illi "*whatever the chiropractic technique used, these independent studies conclude that our treatment is safe by any standards*." Jikkonkludi billi jghid ill f'ghoxrin sena prattika dan huwa l-ewwel kaz illi fethulu u l-eluf ta' pazjenti li ttratta kellhom rizultati tajbin hafna.

Illi **Doreen Griffiths,** fl-affidavit taghha (a fol 126) tixhed illi hija kienet pazjenta tal-konvenut bejn il-1996 u l-1997. Tghid li kienet tbati b'ugiegh fil-parti l-isfel ta' darha kif ukoll fil-koxxa tax-xellug u l-konvenut kien jikkuraha u jimmassaggjaha u wara ftit sessions it-trattament beda jonqos l-ugiegh.

lllli **Theresa Woolley** fl-affidavit taghha (a fol 127) tghid illi kemm hi kif ukoll iz-zewg uliedha hadu trattamenti da parti tal-konvenut u dejjem kien professjonali hafna u t-trattament li taghhom kien ta' success ghalihom. Tghid ukoll illi dejjem kien metikoluz u konxjenzjuz u meta nfurmatu illi l-finanzi taghha ma kienux jifilhu kien naqqas hafna l-mizati tieghu.

Illi **Rose Mills** fl-affidavit taghha (a fol 129) tixhed illi hija kienet pazjenta tal-konvenut bejn il-1994 u l-1999 u kien jimmassaggjha u jimmanipulha kemm fl-ghonq kif ukoll dirghajn. Tghid li kienet thossha hafna ahjar wara tali manipulazzjoni u li l-konvenut dejjem kien attent u konxjenzjuz.

Illi **David Goodwin** fl-affidavit tieghu (a fol 130) jghid illi l-konvenut kien ikkurah ghal ugigh f'ghonqu, darhu u l-*hamstring* u li huwa *player* tar-*rugby*. Jghid li kien pazjent tieghu fid-1997 u l998 u li dejjem mexa b'mod serju u professjonali u li ma kienx jaghmel xogholu ghal-flus izda ghax kellu ghal qalbu lin-nies.

Illi **Brian Corlett** fl-affidavit tieghu (a fol 133) jixhed illi kellu problema f'ghonqu, fin-nofs ta' darhu u fil-*pelvic alignment* u li huwa wkoll *rugby player*. Jikkonferma li l-konvenut kien serju u professjonali f'xogholu.

llli l-**konvenut** in kontro-ezami waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju 2009 jghid:

> ***"...I say that having checked my notes I can confirm that I have not used manipulation of the neck but mobilisation, traction and soft tissue therapy. Mobilisation is different to manipulation."***

Jghid li ghalkemm it-trattament li taha lill-attur ma hadimx, dan ma jfissirx illi kien hu li kkawza l-problema. Jghid li l-attur wegga' waqt li kien qieghed jilghab *squash*. Il-konvenut jikkonferma wkoll:

> **– "*I did then proceed to mobilise the patient – notwithstanding the fact that I had not seen the Xrays. I confirm that when he turned up, plaintiff was in agony. I will not disagree with a statement saying that after 10 sessions, patient was still in same pain - that he did not get better.*"**

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti qabel xejn ser tibda billi tikkonsidra ir-rikors prezentat mill-konvenut fl-20 ta' Ottubru 2016, permezz ta' liema talab illi jigu sfilzati d-dokumenti illi l-attur prezenta flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tieghu. Minn naha tieghu, l-attur staqsa, waqt it-trattazzjoni finali, ghalfejn m'ghandhomx jigu prezentati dawn id-dokumenti, u argumenta illi dawn id-dokumenti kienu necessarji sabiex jipprovaw il-pretensjonijiet tieghu.

Il-Qorti rat illi dawn id-dokumenti nhargu fi zmienijiet bejn l-2003 u l-2010. Ghalhekk jekk l-attur xtaq illi dawn id-dokumenti jkunu parti mill-process, kellu jassikura li jipprezentahom fil-hin. Ghar-rigward ta' dawk id-dokumenti illi gew fil-pussess tieghu wara l-eghluq tal-provi, l-attur messu adopera il-procedura prevista mill-ligi ghall-produzzjoni ta' provi godda wara l-eghluq tal-prova u mhux qabad u pprezenta dawn id-dokumenti flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

Il-Qorti ghalhekk tordna li d-dokumenti minn fol 581 sa 599 jigu sfilzati mill-process.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut giet minnu rtirata, u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha - vide verbal a fol 30 tal-process.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti taghraf illi f'materja ta' responsabbilita ghad-danni minn professjonista mediku, hemm divergenza fl-gurisprudenza rigward jekk din ir-responabbilita hijiex ibbazata fuq l-ezistenza ta' relazzjoni kontrattwali bejn il-pazjent u l-professjonista mediku, u konsegwentement danni kontrattwali, jew fuq danni delittwali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Rose Gauci et vs Donald Felice et deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2008** u kkonfermata f'sentenza ta' ritrattazzjoni deciza fit-8 ta' Ottubru 2009 intqal ghall-ewwel darba illi:

> *"[i]l-materja ta' responsabbilita` ta' professjonist mhux daqshekk zviluppata hawn Malta, u s-sitwazzjoni hi ftit fluida peress li ma tezisti ebda ligi li b'mod partikolari tiddefinixxi l-grad ta' diligenza li ghandu jimmanifesta tabib. Hekk ukoll mhix daqshekk cara jekk ir-responsabbilita` ta' tabib taqax li tigi kkunsidrata taht aspett ta' kwazi delitt jew kuntratt. Fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "**<u>Josephine Borg et v. Dr. Anthony Fiorini</u>**" deciza fit-18 ta' Lulju, 1994 il-bazi tar-responsabbilita` ta' tabib giet ezaminata fil-kuntest ta' kwazi delitt u saret referenza ghad-decizjoni moghtija filkawza "**<u>Victor Savona v. Dr. Peter Asphar</u>**", fejn ukoll*

> *intqal li tabib ikun responsabbli ghad-danni jekk, fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu, ma jezercitax il-prudenza, diligenza u attenzjoni ta' bonus pater familias.*
>
> […]
>
> ***Ghalkemm, kif inghad, il-posizzjoni hawn Malta giet ezaminata fil-kuntest tar-regoli ta' kwazi delitt, din il-Qorti hija tal-fehma li jkun aktar logiku li r-relazzjoni bejn pazjent u tabib tigi ezaminata fil-kuntest ta' kuntratt. Hu veru li kuntratt jehtieg il-kunsens ta' zewg partijiet, izda hu veru wkoll li dan il-kunsens jista' jkun tacitu, u anki implicitu, basta tkun tezisti l-volonta` fil-partijiet li jassumu l-obbligazzjonijiet fil-konfront ta' xulxin. Meta pazjent jersaq lejn tabib*** […] ***dak il-pazjent ikun qed ipoggi l-bzonnijiet tieghu f'idejn dak it-tabib u meta t-tabib jaccetta li jaghti s-servizz tieghu, ikun qed jintrabat fil-konfront ta' dak il-pazjent – li jaqdi d-doveri tieghu skond l-ahjar hila tieghu.*** . […] ***Meta tabib***, […], ***jaccetta li jikkura pazjent, jidhol f'relazzjoni diretta mieghu, relazzjoni kuntrattwali li tista' twassal ghall-hlas tad-danni f'kaz ta' inadempjenza."***

Ghalkemm is-sitwazzjoni tista' tinghad ill ghada xi ftit fluida fis-sens illi ghad hemm xi sentenzi li jigu decizi fuq il-bazi ta' danni delittwali u mhux kontrattwali, minn ezami tal-gurisprudenza fuq din il-materja jidher illi fil-maggior parti, il-Qrati taghna jaccetaw illi tezisti relazzjoni kontrattwali bejn tabib u l-pazjent tieghu, u ghalhekk kawza ghad-danni ta' dan it-tip ghandha tkun ibbazata fuq danni kontrattwali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Tessie Ellul et vs Dr. Astrid Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju 2010 giet abracjata l-konkluzjoni milhuqa fis-sentenza appena citata, u l-Qorti tal-Appell kompliet tirrileva illi:

> "…***ir-relazzjoni bejn tabib u pazjent tixbah aktar in-natura ta' kuntratt, b'dan, pero`, li mit-tabib mhux mistenni dejjem rizultat pozittiv, ghax l-obbligazzjoni tieghu mhux dik di risultato izda di mezzi, fis-sens li l-obbligu tat-tabib huwa deskritt bhala li "egli e`***

***tenuto ad usare la diligenza che la natura dell'attivita` esercitata esige" (Corte Cassazione d'Italia, 21 ta' Lulju 1989; kaz Numru 3476). Dan ifisser li filwaqt li t-tabib ikun irid jipprova li hu agixxa kif il-professjoni tistenna minnu, il-pazjent irid juri, fl-ewwel lok, li gara xi haga hazina waqt l-intervent kirugiku, xi haga, jigifieri, mhux mistennija li ssehh f'operazzjoni ta' dik ix-xorta***."

Filfatt, fis-sentenza fl-ismijiet **Carmen sive Charmaine Ebejer vs Dr. Ivan Vella et noe et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' April 2013, giet michuda eccezzjoni ta' preskrizzjoni ibbazata fuq danni delittwali ghaliex:

"[i]*l-Qorti tqis illi r-**rapport bejn l-attrici u t-tabib Ivan Vella kien wiehed bejn pazjent privat u t-tabib kirurgu taghha li bejniethom hemm rabta kontrattwali** bejn professjonist u klijent u bejniethom ghalhekk ma tapplikax il-preskrizzjoni ta' sentejn izda semmai dik kontrattwali ta' hames snin*."

Dawn is-sentenzi isegwu l-hsieb ta' **Laurent** illi jghallem li:

**"[n]*on si potrebbe negare che tra l'ammalato ed il suo medico passa un contratto; il medico quindi risponde della inadempimento delle sue obbligazioni*** ."[7]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Venerie Falzon vs Marcello Stella** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-**9 ta' Lulju 2015** imbaghad intqal illi:

"*…**fil-kura medika anki dik li ghandha x'taqsam mal-kirurgija estetika r-rapport tat-tabib u l-pazjent hu wiehed primarjament kontrattwali. […] Din il-Qorti pero ma teskludix kif qalet il-Qorti fil-kawza Arthur George Lambert et vs Anthony Buttigieg pro et noe et (Kost 18/04/1963) li jista' jkun hemm responsabilta extra kontrattwali naxxenti minn inadempjenza kontrattwali u t-tnejn***

[7] Laurent, Principi di Diritto Civile, Vol. XX pg. 406.

> ***jistghu jikkoezistu***. *Hu minnu pero li d-distinzjoni hi aktar wahda dwar l-effetti milli wahda dwar il-htija per se ghax id-dannu jibqa' wiehed u huma l-konsegwenzi naxxenti mid-dannu li jinfluixxu fuq ir-rapport bejn il-partijiet. Wara kollox kulhadd irid jirrispondi ghal hsara li tigri bi htija tieghu anki minghajr hsieb li jaghmel hsara rifless fil-principju 'alterum non laedere', u li kif intqal fil-kawza Il-Pulizija vs Louis Portelli App Krim 04/02/1961) fil-kaz ta' professjonista, id-diligenza li dan ghandu jopera hi dik ta' bniedem ordinarjament kompetenti fil-professjoni tieghu.*"[8]

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Micallef et vs Raphael Avallone,** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Marzu 1957:

> ***"meta l-legislatur jitkellem fuq id-dannu kagunat minhabba negligenza proprja jew imprudenza jaccenna b'mod specjali, jew ahjar specjalment, ghad-dannu li jitnissel mill-kwazi delitt, li l-bazi tieghu hija l-htija, li hija l-kolpa extra-kontrattwali", b'danakollu dan ma jfissirx illi l-htija ghall-istess ragunijiet ma tistax tkun ukoll wahda kontrattwali.***"

Dan ghaliex, kif insenjat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Vassallo vs Giovanni Mizzi et** deciza fid-9 ta' April 1949:

> "*…il-htija, meta tigi konsiderata fl-entita' guridika taghha hi wahda; u taht dan l-aspett m'hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik akkwiljana.*
>
> *...d-differenza bejniethom tinsab fil-kawza (kontrattwali tippresupponi obbligazjoni li maghha hi marbuta; l-akwiljana tippresupponi fatt li minnu titnissel (ex nunc') u filgrad, ossija l-estensjoni tar-responsabbilita' (fil-kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' culpa*

---

[8] Fis-sentenza citata fl-ismijiet **Lambert vs Buttigieg** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-18 ta' April 1963 intqal illi "*…ma hemm xejn inkompattibli bejn responsabbilita kontrattwali u htija aquiliana. Kif gia din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tirrileva jista' jkun hemm delitt jew kwazi delitt anke f'materja ta' obligazzjonijiet konvenzjonali…*"

*lata, levis jew levissima jekk in-natura tal-kuntratt ikun hekk jimponi; fl-akwiljan r-responsabilita' indistintament testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad).*"

Fir-rigward tal-hila u diligenza rikjesta minn professjonista mediku, il-gurisprudenza Maltija taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qrati Inglizi fl-ismijiet **Bolam v. Friern H.M.C** (1957 W.L.R. 582) fejn intqal illi:

> "**[t]*he test is the standard of the ordinary skilled man exercising and professing to have that special skill; it is well established law that it is sufficient if he exercises the ordinary skill of an ordinary competent man exercising that particular art.***"

Issir ukoll referenza ghas-sentenza tal-Corte di Cassazzione Taljana moghtija fit-22 ta' Frar 1988 fejn gie rrilevat illi:

> ***"di fronte ad un caso ordinario, non abbia osservato, per inadeguatezze od incompletezza della preparazione professionale, ovvero per omissione della media deligenza, quelle regole precise che sono acquisite, per comune consenso e consolidata sperimentazione, alla scienza ed alla pratica, e, quindi, costituiscano il neccessario corredo del professionista che si dedichi ad un determinato settore della medicina."*** [9]

Kif intqal mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza su citata fl-ismijiet **Rose Gauci et vs Mr. Donald Felice et;**

> "**[d]*ak li hu mistenni minn tabib hu li jzomm ruhu aggornat bl-avvanza fil-medicina, u fil-kaz konkret li jkollu quddiemu, jezercita d-diligenza li professjonist ordinarju bhat-tabib in kwistjoni kien jezercita. It-test hu neccessarjament oggettiv, fis-sens li wiehed ghandu jara kif kien jezercita l-mezzi tieghu professjonist normali,***

---

[9] Vide per ezempju **Rose Gauci et vs Mr. Donald Felice et,** Qorti tal-Appell Civili deciza 3 ta' Ottubru 2008.

> ***bid-degree of skill li suppost ghandu t-tabib partikolari, fil-kaz konkret. Wiehed ghalhekk, m'ghandux jattribwixxi lill-professjonist normal level of skill li mhux mistenni li jkollu t-tabib partikolari; pero`, darba determinat dan il-livell, it-tabib ikun mistenni li jaqdi dmiru skond l-"accepted standard practice".***

Rigward l-oneru tal-prova, gie rrilevat fis-sentenza fl-ismijiet **Christian u Melvina konjugi D'Agostino bhala kuraturi ad litem ta' binhom minuri Dejan D'Agostino vs It-Tabib Ewlieni tal-Gvern** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Jannar 2014 u, mill-liema ma gie interpost ebda appell, illi:

> **"[f]*il-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilta' kontrattwali l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-ezekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront tal-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa l-konvenut li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu, stante li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li tali inadempjenza se mai irrizultat minhabba fattur fuq liema ma kellux kontroll*** *" ("Maggur Alfred Briffa et vs The Golden Shepherd Group Limited et", deciza fil-31 ta' Ottubru 2013).*
>
> […]
>
> *Sabiex jirnexxu fit-talbiet, ir-rikorrenti f'din il-kawza kellhom jippruvaw ghas-sodisfazzjon tal-Qorti zewgt ihwejjeg – cioe' l-ezistenza tal-kuntratt u l-hsara. Din il-Qorti tqis li meta l-genituri tat-tarbija rrikorrew lejn l-isptar biex jiehdu l-kura medika mehtiega, imbaghad gew milqugha mill-istess sptar li accetta li jipprovdi s-servizz, giet perfezzjonata bejn iz-zewg nahat relazzjoni kontrattwali bl-obbligi kollha li din gabet maghha. Kif irriteniet il-Corte di Cassazione fil-fuq citata decizjoni tal- 11 ta' Jannar 2008 (n. 577), il-pazjent, f'cirkostanzi bhal dawn "deve limitarsi a provare il contratto (o il contatto sociale) e l'aggravamento della patologia o l'insorgenza*

> *di un'affezione ed allegare l'inadempimento del debitore, astrattamente idoneo a provocare il danno lamentato".*

**Ikkonsidrat:**

F'dan il-kaz, l-attur qed jitlob illi l-konvenut jinsab responsabbli ghad-danni allegatament sofferti minnhu kagun in-nuqqas ta' hila tal-konvenut fil-professjoni jew sengha tieghu. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu mbaghad jispjega illi l-konvenut kien ikkometta: (1) *a diagnostic error,* (2) *an error of judgement,* (3) *non-disclosure* u (4) negligenza.

Il-Qorti tqis l-ewwel nett illi tressqu provi sufficjenti rigward l-ezistenza ta' kuntratt bejn il-partijet, u dan peress illi mill-atti jirrizulta, u m'huwa kontestat mill-ebda wahda mill-partijiet, illi l-attur irrikorra ghand il-konvenut ghall-trattament ta' *chiropractice* wara li sofra *whiplash injury* u l-konvenut accettata illi jaghtih dan it-trattament, u ghalhekk giet ipperfezzjonata ir-rabta kontrattwali bejn il-partijit, bl-obbligi kollha li din iggib maghha.

Fir-rigward tal-hsara, il-Qorti taghmel referenza ghar-relazzjoni tal-perit mediku Dr. Josanne Aquilina a fol 341 *et seq,* fejn il-perit mediku kkonkludiet illi anke wara l-kura kollha li rcieva l-attur, inkluz zewg operazzjonijiet fuq is-sinsla tal-ghonq, huwa jsofri minn rata ta' dizabilita permanenti ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%). Pero, kif jirrelata l-Perit Legali, ghalkemm din ir-relazzjoni kienet ferm ezawrijenti, ftit tghin sabiex jigi stabbilit in-ness kawzali bejn id-dani sofferti mill-attur u l-agir tal-konvenut.

F'dan ir-rigward il-Qorti taqbel ma' u taghmel taghha il-konkluzjonijiet tal-Perit Legali illi mill-assjem tal-provi jirrizulta n-ness kawzali bejn id-danni subiti mill-attur u l-agir tal-konvenut., u dan specjalment in vista tal-certifikat tal-Professur Galea Debono a fol 7 u x-xhieda tieghu tas-6 ta' Gunju 2003, fejn l-istess Professur ikkonferma illi l-manipulazzjoni exercitata fuq l-attur mill-konvenut kienet assolutament kontra-indikata fic-cirkostanzi. Kif jirrelata l-Perit Legali, hija biss ipotezi illi l-attur kien diga kellu grad ta' dizabbilita **qabel** ma ha t-trattament in

kwistjoni minghand il-konvenut, u dan billi la hemm provi fuq l-ezistenza ta' tali dizabbilita pre-datata ghat-trattament in kwistjoni, u wisq anqas l-estent taghha.

Ghalhekk f'dan il-punt il-Qorti trid tiddetermina jekk il-konvenut uriex nuqqas ta' hila professjonali jew negligenza kif allegat mill-attur.

Wara li rat l-atti kollha tal-kawza il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjoni tal-Perit Legali illi l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur. Jibda biex jinghad illi l-konvenut wera nuqqas ta' hila u prudenza assoluta meta ghamel manipulazzjoni (*mobilisation)* ta' ghonq l-attur minghajr ma kkonsulta mal-X-rays u/jew ir-rapport tar-radjologu, u b'hekk mexa fuq il-konkluzjoni erronja illi t-testijiet medici li ghamel l-attur ma urew xejn **meta fil-verita dawn urew telfien tal-kurvatura normali tal-ghonq** – fatt mediku li ghandu relevanza fil-kwistjoni ta' *herniated discs* kif taccenna ghalih l-espert mediku l-Konsulent Josanne Aquilina fir-rapport taghha a fol 349 para 2.

Barra minn hekk jirrizulta wkoll mir-relazzjoni tal-Perit Mediku illi fil-letteratura hemm opinjonijiet divergenti fir-rigward tar-rakkomendabilita' ta manipulazzjoni jew mobilizzazzjoni f'kaz ta' *whiplash injury* u jekk din hiex kontra-indikata, ghalkemm fil-letteratura kollha jidher illi hemm qbil li hemm bzonn aktar ricerka ir-rata ta' success u ta' komplikazzjonijiet ta' dan it-trattament. Jirrizulta wkoll illi hemm xi kontra-indikazzjonijiet assoluti ghal *chiropractice*, u cioe Rheumatoid Arthiritis u kondizzjonijiet simili fejn ikun hemm nuqqas ta' stabbilita' tal-gogi.

Il-Qorti terga taghmel accenn ghn-nuqqas ta' hila, diligenza u prudenza murija mill-konvenut meta qabad u ghamel mobilizazzjoni ta' ghonq l-attur minghajr ma kkonsulta mal-X-Rays u r-rapport tar-radjologu, gialadarba apparti illi fic-cirkostanzi tal-attur it-trattament setgha kien kontra-indikat, il-konvenut kellu wkoll jaccerta ruhhu illi ma kienux prezenti dawk il-kondizzjonijiet li jaghmlu t-tip ta' trattament in kwistjoni assolutament kontra-indikat.

Barra minn hekk, il-Qorti tqis ukoll illi l-konvenut ghal darba ohra wera nuqqas ta' hila, diligenza u prudenza meta issoggetta lill-attur ghal numru ta' trattamenti, sahansitra darbtejn kuljum, meta l-kondizzjoni tal-attur mhux talli ma kienetx qed

tigi l-quddiem, izda kienet qed tiddeterjora, u l-attur kien, skont il-konvenut stess, f'agonja, minflok ma rreferrieh sabiex jaghmel ezamijiet dijanjostici medici ulterjuri. Kieku l-konvenut wera aktar prudenza fit-trattament tieghu tal-attur, specjalment meta l-letteratura fuq il-materja miktuba minn *chiropractors* innifishom tghid illi hemm bzonn aktar ricerka fuq l-uzu ta' *chiropractice* f'sitwazzjonijiet bhal dawk riskontrati fl-attur u li dan it-trattament ghandu jsir "*…with the utmost care…*,"[10] hemm probabbilita' illi kienet tigi evitata almenu l-parti kbira mill-hsara u sofferenza illi l-attur sofra.

Finalment, il-Qorti taqbel ukoll mas-sottomissjoni tal-attur illi l-konvenut naqas ukoll fl-obbligi tieghu versu l-attur meta naqas milli jaghtih l-informazzjoni kollha necessarja sabiex ikun jista' jasal ghal decizjoni informata dwar it-trattament u jekk riedx ikompli ghaddej bih. Il-Qorti tqis illi kien doveruz fuq il-konvenut, bhala professjonista fil-qasam tas-sahha, anke jekk dik alternattiva, illi jaghti lill-attur informazzjoni dwar it-trattament li kien ser jiehu u l-komplikazzjonijiet tal-istess. In-nuqqas tal-konvenut li jaghti din l-informazzjoni lill-attur sabiex dan ikun jasal ghal decizjoni informata dwar it-trattament in kwistjoni, m'hijiex biss nuqqas lampanti ta' prudenza u diligenza minn naha tal-konvenut, izda ssarraf ukoll f'nuqqas ta' hila bazika li ghandu jkollu professjonista fil-qasam tas-sahha, ghaliex l-ghoti ta' informazzjoni necessarja lill-pazjenti dwar it-trattamenti li huma jkun jridu jircievu huwa ***skillset* baziku**, tant li jigi mghallem fil-kors tal-medicina, u huwa fondamentali ghall-ezercizzju tal-pazjenti tad-dritt ghal awtonomija taghhom.

Il-Qort ghalhekk hija tal-fehma illi l-konvenut wera nuqqas ta' hila fil-professjoni tieghu, kif ukoll negligenza kbira fit-trattament tieghu tal-attur. Minn dan isegwi illi l-attur naqas milli jonora l-obbligi kontrattwali tieghu versu l-attur u ghalhekk ghandu jirrispondi ghal hsara sofferta mill-attur kagun tal-agir tieghu, u minhabba dan in-nuqqas, skont il-perit mediku l-attur sofra disabbilita permanenti ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%).

Il-Qorti tippreciza li apparti t-trauma f'ghonq l-attur, li sofra in segwitu tat-trattament da parti tal-intimat, f'Mejju 2007, sfortunatament l-attur kien involut f'incident ta' traffiku, f-liema incident sofra ksur tal-ewwel rukkel fir-reggun lumbar tas-sinsla ta'

[10] Fol 350.

dahru (*first lumber vertibrae*). L-attur gie operat ghal tali ksur f'Mejju tat-2007[11]. Di' piu' f'Settembru ta' 2008 f'intervent kjurgiku iehor l-attur tnehhew l-implants tal-metall. Fl-eskussjoni sserratta taghha, l-Konsulent Mediku Josanne Aquilina xehedet illi ghal regward tal-hsara f'ghonq l-attur, il-figura ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) disabilita' permanenti tibqa' minnha kkonfermata[12].

**Ikkonsidrat:**

L-attur qieghed jitlob ukoll rizarciment morali ghat-trawma li sofra kagun l-agir tal-konvenut, u dan fis-somma ta' sittin elf ewro (€60,000).

Il-Qorti tqis, illi minkejja li l-Qorti diversament preseduta kienet ordnat l-gheluq tal-provi tal-attur fit-8 ta' Marzu 2006[13], l-attur sa dak il-mument, ma kien ressaq ebda prova rigward id-danni materjali jew morali sofferti minnu. Filfatt, huwa la ressaq xi psikologu jew psikjatra sabiex dawn jixhdu rigward id-danni morali allegatament sofferti minnu u lanqas ma ressaq xi professjonista mill-*pain clinic* sabiex jixhdu rigward l-ugiegh li l-attur esperjenza, u/jew ghadu jesperjenzu u t-trattament ghal dan l-ugiegh biex b'hekk il-Qorti tkun tista' tasal ghal konkluzjoni rigward kwalunwke danni morali subiti mill-attur anke minhabba xi inkonvenjent li huwa ghadu jsofri minhabba l-agir tal-konvenut.

Fid-dawl tal-principju *ei incumbit probatio qui dicit, non qui negat* a kawza tan-nuqqas ta' prova imressqa mill-attur rigward danni morali, il-Qorti tqis illi hija prekluza milli tordna lill-konvenut ihallas tali danni lill-attur.

**Ikkonsidrat;**

Jibqa ghalhekk biex jigi determinat il-*quantum* ta' danni sofferti mill-attur.

Fir-rigward ta' *dannum emergens,* l-attur qieghed jitlob rizarciment tal-flus li hu kien hallas lill-konvenut ghat-trattamenti. Il-Qorti tinnota f'dan ir-rigward illi ma gew

---

[11] Vide rapport tal-Perit Mediku l-Konsulent Josanne Aqulina a fol 343 dorso l-ahhar paragrafu u vide fol 344 para 1.
[12] Vide fol 491m.
[13] Vide digriet a fol 113, per Mhallef Dr. R. Pace

prezentati mill-attur l-ebda ricevuti biex juru kemm kien qieghed ihallas, izda fid-dokument ezebit a fol 370, tidher nota skont liema jirrizulta li l-konsulta kienet tiswa (Lm10) ekwivalenti (€23.25) waqt li t-trattament kien jiswa (Lm3) ekwivalenti ghal (€6.97), u m'huwiex kontestat illi l-attur ircieva ghaxar trattamenti. Minn dan ghalhekk il-Qorti tista' tikkonstata illi d-dannum emergens fir-rigward tal-flus imhallsa lill-konvenut huwa ta:

| | |
|---|---|
| Trattament: €6.97 x 10 = | €69.70 |
| + Konsulta: €23.25 | |
| **Total** | **€ 92.95** |

Il-Qorti rat ukoll illi ghalkemm jirrizulta, u mhux kontestat illi l-attur kellu jmur Londra ghal konsulti u interventi medici bi spiza pubblika[14], jidher li kien kostrett jivjagga Londra ghall-konsulti u interventi privati[15], u kellu anke jqatta' xi zmien Londra minhabba l-konvalexxenza. Minkejja dan huwa ma ressaq l-ebda prova rigward l-ammont li huwa nefaq per konsegwenza ta' dan. Ghalhekk, f'dan ir-rigward il-Qorti m'ghandha l-ebda ghazla ohra hlief illi tillikwda *arbitrio boni viri* is-somma dovuta lill-attur f'dan il-kuntest fl-ammont ta' hamest elef ewro (€5,000).

Ghalhekk is-somma totali dovuta lill-attur bhala *dannum emergens* hija ta' hamest elef, tnejn u disghain ewro punt hamsa u disghain centezmu **(€5,092.95).**

**Ikkonsdirat:**

Fir-rigward tal-likwidazzjoni ta' danni lucrum cessans, jirrizulta u mhux kontestat illi l-attur kellu 27 sena meta mar jiehu t-trattament in kwistjoni minghand il-konvenut u sofra d-danni hawn fuq imsemmija. Barra minn hekk, il-perit mediku kkonstatat illi il-precentwali ta' dizabbilita permanenti sofferta mill-attur hija ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%).

[14] Vide dorso ta' fol 344 sa fol 347
[15] Ibid fejn fir-rapport tal-Konsulent Mediku Josanne Aquilina taghmel distinzjoni ghal dawk l-interventi li saru bi spiza pubblika u dawk fejn l-attur ivvjagga privatament u a spiza tieghu – vide fol 345

Il-Qorti rat ghar-raguni gia fuq indikata li l-attur ma ressaqx provi rigward l-introjtu tieghu, u lanqas biss prova rigward x'kienet il-professjoni tieghu, tant li anqas accenn ghal dan m'ghamel fix-xhieda moghtija minnu, ghajr ghad-dokumenti li hu ipprezenta flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tieghu tas-17 ta' Ottubru 2016, u cioe snin shah wara li kien ghalaq il-provi. Ghalkemm l-attur jistaqsi fit-trattazzjoni tieghu ghalfejn m'ghandomx jigu accettat dawn id-dokumenti bhala prova, il-Qorti hija persuaza li l-attur kif assistit, kien jaf li l-Ligi Maltija tipprovdi ghal procedura partikolari sabiex jigu prodotti provi minn parti f'kawza wara l-gheluq tal-provi, procedura illi l-attur injora kompletament u minflok qabad u prezenta dawn id-dokumenti man-nota ta' sottomissjoni tieghu, b'sorpriza kbira ghal kontro-parti li la kienet taf li ser isir hekk, u wisq anqas kellha l-opportunita' li tirribatti dawn il-provi. Ghalhekk zgur li l-Qorti ma tisghtax tiehu qies ta' dawn il-provi fl-apprezzament taghha.

Jirrizulta pero' illi fir-rapport mahluf tal-Perit Mediku l-Konsulent Josanne Aquilina, li l-attur kien *Sales Manager* imbaghad sussegwentement *Marketing Consultant*.[16]

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, il-Qorti hija kostretta taghmel il-kalkolu taghha *arbitrio boni viri* ibbazata fuq **id-doppju** tal-paga nazzjonali minima, li fis-sena 1994, skont il-Ligi Sussidjarja 452.71 kienet fl-ammont ta' tmienja u tmenin ewro punt tnejn u tmenin centezmu **(€88.82)** fil-gimgha, cioe erbghat elef, sitt mija u tmintax il-ewro punt erbgha u sittin centezmu **(€4,618.64)** fis-sena, cioe ghal disghat elef, mitejn u sebgha u tletin ewro punt tmienja u ghoxrin centezmu **(€9,237.28)** fis-sena.

Dan l-ammont huwa ferm anqas mill-medja tal-introjtu tal-attur li l-intimat jaccenna ghalih fin-nota tas-sottomissjonijiet tieghu a fol 612[17].

**Multiplier:**

Il-multiplier, hekk kif stabbilit fil-gurisprudenza nostrana, huwa fattur diskrezzjonali. Fil-fatt il-multiplier li jigi adoperat mill-Qrati jvarja, hekk kif gie ritenut fil-kawza fl-

[16] Vide Rapport ta' Josanne Aquilina a fol 344 et seq;
[17] Liema medja tammonta ghal €21,384

ismijet George Spiteri vs Raymond Fava (Citazz. Nru. 484/2008LFS): "kien ta' 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena Mizzi vs Azzopardi PA 16-Dic-2004, ta' 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena Butler vs Heard App Civ Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta' 24 Gauci vs Xuereb PA 29-Ott-1970, ta' 18 fuq persuna ta' 28 sena Camilleri vs Polidano PA 1-Ott-1982, ta' 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42 Bonnici vs Gauci PA 15-Sett-1999, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena Bugeja vs Agius App Civ Sup 26-Lul-1991, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena Dalmas vs Ghigo App Civ Sup 5-Frar-1980, ta' 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena Caruana vs Camilleri App Civ Sup 27-Feb-2004, ta' 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena Seisun vs Brincat PA 29-Ott-1998, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17 Turner vs Agius App Civ Sup 28-Nov- 2003, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26 Grima vs Penza PA 30-Gun-2004, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena Zammit vs Zahra PA 20- Jan-2005, ta' 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena Sammut vs Zammit App Civ Sup 3-Dic-2004, ta' 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena Mizzi vs Azzopardi PA 16-Dic-2004."

Illi ghalhekk fid-dawl tal-gurisprudenza ccitata, l-Onorabbli Qorti, fil-kawza fl-ismijiet precitati ta' George Spiteri vs Raymond Fava, uzat is-segwenti chart:

| **Eta tal-vittma** | **Multiplier Massimu** |
|---|---|
| 0 - 15 | 35 |
| 16 - 20 | 33 |
| 21 - 25 | 30 |
| **26 - 30** | **27** |
| 31 - 35 | 22 |
| 63 - 40 | 18 |
| 41 - 45 | 14 |
| 46 - 50 | 11 |
| 51 - 55 | 8 |
| 56 | 6 |

Il-Qorti ma jidhirilx li ghandha tiddipartixxi mill-principji delineati fis-sentenza Spiteri vs Fava hawn fuq citati, u ghalhekk tqis illi fil-kawza odjerna il-**multiplier ta' 27** ghandu jigi adoperat.

**Komputazzjoni**

| | |
|---|---:|
| €9237.28 x 27 = | €249,406.56 |
| €249,406.56 x 25% = | **€62,351.64** |

**Gholi tal-Hajja**

Fid-dawl tas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Caruana vs Phlip Chircop and Sons Limited et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta' Lulju 2011 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' April 2015, il-Qorti taghraf li ma' dan l-ammont ghandha tizdied is-somma ta' tlett mija u tlett ewro punt tmienja u sebghain centezmu (€303.78) fis-sens, bhala zieda ghall-gholi ta' hajja. Ghalhekk, adoperat *multipier* ta' 27, ghandha tizdied is-somma ta' tmien telef, mitejn u tnejn ewro punt sitt centezmu **(€8,202.06).**

**Tnaqqis tal-lump sum payment:**

Din is-sentenza qed tinghata kwazi ghoxrin sena wara l-incident mertu ta' dawn il-proceduri, u circa dsatax -il sena wara li gew intavolati l-proceduri. Fid-dawl ta' dan, u in linja mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet **Joseph Zammit et vs Duncan Galea et** deciza fis-26 ta' Gunju 2015, din il-Qorti m'hijiex sejra taghmel tnaqqis tal-*lump sum payment.*

Ghalhekk l-ammont dovut komplessivament lill-attur huwa fis-somma ta';

| | |
|---|---:|
| *Dannum Emergens* | €5,092.95 |
| *Lucrum Cessans* | €62,351.64 |
| Zieda gholi tal-hajja | €8,202.06 |
| **Total** | **€75,646.65** |

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tordna l-isfilz tad-dokumenti minn fol 581 sa fol 599, u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni stante li giet irtirata, tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, u tilqa' t-talbiet kollha tal-attur u konsegwentement tiddikjara lill-

konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur, tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur fl-ammont ta' hamsa u sebghain elf, sitt mija sitta u erbghain ewro punt hamsa u sittin centezmu (**€75,646.65**) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-istess somma ta' hamsa u sebghain elf, sitt mija sitta u erbghain ewro punt hamsa u sittin centezmu (**€75,646.65**), bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament efettiv.

L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**